# Litaniji, ġakulatorji u ripetizzjonijiet jew il-mantra

Guido Lanfranco

Nisthajjel li l-kelma mantra ftit jew xejn tsmagħha. Jekk ma nidħlux fid-dettalji ta' żminijiet fl-isħab ta' mijiet ta' snin ilu, nistgħu nghidu fil-qosor, li mantra hija għamla ta' ġakulatorja mill-aktar qasira li, għall-kattoliċi, fil-maġġoranza jissemma l-isem ta' Ġesu, Madonna, qaddisin. Komunement ukoll tkun intunata f'għamla ta' kantaliena bl-użu ta' ftit noti. Kemm il-ġakulatorja, kif ukoll il-ftit noti jiġu ripetuti kontinwament, ħafna drabi għal ħin twil li jista' jinqasam bejn individwi differenti, jitkompla minn min imissu, wieħed wara l-ieħor.

Ir-reliġjonijiet prinċipali tista' tgħid kollha kellhom jew għandhom xi forma ta' mantra applikata għal diversi devozzjonijiet, xi drabi ukoll bl-użu ta' xi għamla ta' żibeġ ta' kuruna. L-Insara għandhom Rużarju tal-Madonna, tal-Pjagi, tal-Erwieħ u l-kumplament, kif ukoll litaniji ta' qaddisin u devozzjonijiet oħra. It-talb ġeneralment jieħu għamla ta' mantra meta jsir minn ġabra jew Kongregazzjoni ta' nies jgħidu l-kliem flimkien u jżommu t-temp u l-intonazzjoni flimkien. Saħansitra fin-nifs kulħadd jibda jaqbad ir-ritmu flimkien. F'sitwazzjonijiet ta' kalamità, bħal epidemji tal-pesta, tal-kolera, karestija, nixfa, perikli tal-gwerra, żmien ta' kriżijiet politiċi, maltempati li jħallu ħerba u beżgħat oħra jsir ħafna talb taħt forma ta' ġakulatorji ripetuti.

***Duttrina*** Jekk nieħu mill-esperjenzi tiegħi ta' meta kont żgħir (twelidt fl-1930) nista' ngħid li fit-tagħlim tad-duttrina, bħala eżemplu, kienu jdaħħlulna speċi ta' mantra. Konna nitgħallmu kollox bl-amment. Fl-iskola fejn kont immur, id-duttrina kienet tkun l-aħħar suġġett qabel ma nitilqu lejn id'dar, meta nkunu aktarx għajjenin u mdejqin moħħna aktar biex nispiċċaw. Konna ngħidu kollox flimkien, u nkantawhom (imma mhux bi skop ta' għana jew mużika... Konna nkantawhom b'leħen u intonazzjoni li tqabbdek in-nagħas f'atmosfera ta' tnaħnih, telqa, bħallikieku ninna nanna li traqqad it-trabi. Mhux biss, imma ħafna katekisti kienu jridu li t-tfal jitbandlu kollha flimkien qishom ġo benniena biex iżommu t-temp. Mhux ta' b'xejn konna kważi norqdu għal kollox. Konna nitgħallmuhom bl-amment bla ma nifhmu xejn.

***Rużarju u ġakulatorji.*** Bejn wieħed u ieħor sas-snin ħamsin fid-djar u fit-toroq kont issib lil kulħadd jgħid ir-rużarju, min imexxi billi jgħid il-kelma prinċipali u l-oħrajn iwieġbu flimkien. Uħud mix-xjuħ, l-aktar dawk li jibqgħu waħedhom, kont issibhom f'kull ħin bil-kuruna jżebbġu u jitolbu. Oħrajn ukoll jgħidu r-rużarju meta jistembħu fil-lejl. Kien hemm min jgħid ħmistax-il posti għal aktar minn darba. Għad baqa' ħafna anzjani jgħidu r-rużarju għal aktar minn darba mifrux matul il-jum. Anzi f'dawn l-aħħar snin, il-Papa żied il-ħames Misteri tad-Dawl. Ħafna kienu li jgħidu l-litanija tal-Madonna bħala estensjoni naturali tar-rużarju.

Il-Maltin kellhom devozzjoni kbira lejn l-erwieħ tal-purgatorju u kienu jużaw il-kuruna komuni biex jgħidu fuqha ħafna *requiem* bħal litanija tal-erwieħ. Fi żmien ta' gwaj personali jew ġenerali (u gwaj dejjem kien hawn!) kienu jgħidu litanija oħra lil Ġesù: "Ġesù tiegħi maħfra u ħniena," bit-tweġiba: "F'ġieħ il-Pjagi mqaddsa tiegħek". Din il-ġakulatorja kienu jirrepetuha kemm iridu imma meta joffruha għall-Pjagi ta' Ġesù Kristu kienu jużaw kuruna apposta b'ħames posti, f'kull posta ħames żibġiet u bejniethom xi domna żgħira li turi epidofju mill-passjoni.

***Fix-xelter*** Żgur li fl-epidemji tal-pesta u tal-kolera, kif ukoll fl-assedji li ġarrbu l-gżejjer tagħna, il-Maltin kellhom ġakulatorji kemm iridu minn dawk li kienu jgħallmuhom il-qassisin u r-reliġjużi, kemm fi żmien l-Ordni kif ukoll oħrajn li jivvintaw spontanjament f'kull ħin kif iħossu l-bżonn. Fit-tieni gwerra dinjija kellna ninżlu taħt l-art minħabba l-ħruxija tal-bombi. L-aktar sena kiefra kienet l-1942 b'ħafna *air raids,* bis-sirena ddoqq kull ftit minuti wkoll matul il-lejl b'attakki maħsubin biex ibaxxu l-moral tal-Maltin waqt li kien hemm fuq rashom it-theddida ta' invażjoni. Ix-

xeltrijiet kienu jkunu ppakkjati bin-nies u aħna, bħal bosta oħrajn, konna norqdu fix-xelter minflok ninżlu u nitilgħu kull ftit ħin.

Għall-ewwel kulħadd kien joqgħod ipaċpaċ, igerger u jċerċer sakemm jinstema' l-ewwel tir ta' kanun. Jiskot il-kliem u jibda kull għamla ta' talb b'leħen baxx... Sadattant dejjem jinstemgħu jiżdiedu u joqorbu t-tiri tal-kanuni, dejjem aktar qawwija. Maż-żieda tal-isparar, jgħaġġel u jogħla aktar it-talb b'ħerqa u devozzjoni kbira. Meta jbattu l-kanuni jbatti t-talb sakemm kollox jerġa' għan-normal. Billi kulħadd kien jinżel jorqod fix-xelter filgħaxija, riedu li qabel jorqdu jgħidu flimkien ir-Ružarju. F'dak iż-żmien kelli ħdax-il sena u, għal xi raġuni jew oħra, iddeċidew li r-ružarju ngħidu jien bix-xniexel kollha, u jwieġbu huma.

Kont ngħid il-meditazzjoni ta' kull posta, is-Sliema, il-Glorja u għadd ta' ġakulatorji li jwassluna għal-litanija bil-Latin. Ir-*Regina Pacis* konna ngħiduha għal tliet darbiet. Ta' min jgħid li l-monotonija tar-ritmu tat-tgergir tal-ilħna ħerqana kienet toħloq ġabra u devozzjoni li jorbtu lil kulħadd flimkien f'sens ta' nkuraġġiment u konsolazzjoni. Forsi kien hemm min jongħos jew jorqod imma dak kien sinjal ta' paċi u serħan li toħloq ir-ripetizzjoni u r-ritmu tal-mantra li jqarreb lill-bniedem lejn is-suġġett tat-talb tiegħu.

*Inkanteżmu ta' devozzjoni* Formoli ta' ġakulatorji jew talb ripetizzjoni, fil-qosor b'xi għamla ta' kuruna jew ħaġ'oħra, jeżistu numerużi fir-reliġjonijiet prinċipali tal-lvant ibbażati fuq it-twemmin li aktar kemm issemmi l-isem t'Alla tiegħek b'ċertu ġabra devozzjonali b'ritmu ripetut spiss b'intonazzjoni addattata, jħossok aktar qrib Alla. Nistgħu bħala eżempju nfakkru li meta nkunu kongregazzjoni għal skop komuni, ukoll il-kantaliena ripetuta ddaħħlek bħallikieku f'nagħasa, bħalma jiġri sa ċertu punt meta flimkien inkantaw il-Litanija tal-qaddisin, it-*Te Deum,* il-*Veni Creator* u oħrajn.

Fis-seklu tnax fl-artijiet u reliġjonijiet tal-Lvant ġa kien jinħass u apprezzat il-bżonn li ddaħħal ripetizzjoni kontinwa ta' ftit kliem regolati b'ritmu ripetut. Sal-erbatax-il seklu, mhux nieqsa mill-kontroversji, din is-sistema bdiet riesqa lejn l-ortodossi u kompliet tiżviluppa l-popolarità sakemm infirxet fir-Russja u fl-aħħar fl-artijiet tal-punent.

Din il-forma ta' talb qasir, ripetut, b'intonazzjoni li taljenak milli jidher kienet ħaġa li ħafna drabi wieħed kien jirrikorri ghaliha spontanjament għax tinħass psikoloġikament u mhux neċessarjament għax pajjiż ikun għallimha lill-ieħor.



